

PROGRAMM TAL-FESTA

# SAN ĠUŻEPP

FIL-KNISJA ARĊIPRIETALI TAL-QALA

**21 TA' LULJU - 8 T'AWWISSU 2021**

50 SENA INKURUNAT 1971-2021

### 21 ta' Lulju l-Erbgħa – L-aħħar Erbgħa ta' San Ġużepp
### Jum iż-żgħażagħ u l-adoloxxenti

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp.

**7.00pm** Quddiesa minn Fr Giovann Tabone MSSP bis-sehem taż-żgħażagħ u l-adoloxxenti, wara t-tqarbin issir talba ta' affidament f'riġlejn San Ġużepp.

### 22 ta' Lulju l-Ħamis - Jum ta' talb għall-vokazzjonijiet u għall-abbatini

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp.

**7.00pm** Quddiesa solenni mmexxija mill-kappillan ta' Kerċem il-Kan. Dun Brian Mejlaq fejn l-abbatini jagħmlu l-wegħdiet tagħhom.

### 23 ta' Lulju l-Ġimgħa - Jum ir-reliġjużi

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp.

**7.00pm** Quddiesa kkonċelebrata mmexxija minn Patri Marcello Ghirlando OFM bis-sehem tar-reliġjużi rġiel u nisa tad-djoċesi. Fit-tmiem tal-quddiesa ssir talba ta' affidament f'riġlejn San Ġużepp.

### 24 ta' Lulju s-Sibt - Jum il-fratelli

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp.

**7.00pm** Quddiesa kkonċelebrata mmexxija minn Patri Martin Coleiro OFM bis-sehem tal-fratelli tal-parroċċa, mistiedna ukoll il-fratellanzi ta' San Ġużepp tal-parroċċi t'Għawdex, fit-tmiem tal-quddiesa ssir talba speċjali f'riġlejn San Ġużepp għall-fratelli kollha.

### 25 ta' Lulju l-Ħadd – Jum il-familja – Jum l-anzjani u l-morda
### Għeluq il-25 sena mit-twaqqif tar-Radju Leħen il-Qala

**10.30am** Quddiesa solenni mmexxija minn Fr. Daniel Sultana fejn isir talb speċjali għall-familja. Mistiedna il-familji kollha partikularment dawk li għalqu 25 u 50 sena miżżewġa kif ukoll dawk li kellhom xi magħmudija din is-sena. Fi tmiem il-quddiesa ninġabru quddiem San Ġużepp fejn isir il-preżentazzjoni tat-trabi u fl-istess waqt nitolbu l-protezzjoni ta' San Ġużepp tal-familji tagħna.

**5.00pm** Rużarju ta' San Ġużepp

**5.30pm** Quddiesa mill-Kan. Dun Anton Attard kappillan tal-isptar, fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni ssir id-dilka taż-żejt tal-Griżma tal-Morda.

### 26 ta' Lulju it-Tnejn - Jum it-tfal

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp.

**7.00pm** Quddiesa mill-Arċipriet fejn id-djaknu Rev. Gabriel Vella janima din iċ-ċelebrazzjoni għat-tfal. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni jinġabru l-flus mfaddla fil-jiem tal-Erbgħat għall-Missjoni ta' Fr. Mario Curmi fil-Gwatemala. Wara ssir talba u preżentazzjoni tat-tfal biex San Ġużepp iħarishom.

### 27 ta' Lulju t-Tlieta - Jum l-Emigranti u r-refuġjati

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp.

**7.00pm** Quddiesa tan-novena mmexxija minn Fr. Anton D'Amato delegat għall-kummissjoni emigranti fejn jagħmel omelija tal-okkażjoni.

### 28 ta' Lulju l-Erbgħa - L-Ewwel Jum tat-Tridu
### Jum ta' talb għas-saċerdoti ħajjin u mejtin li ħadmu fil-parroċċa

**6.30pm** Kant tal-Għasar ta' San Ġużepp, immexxi mill-Arċipriet.

**7.00pm** Quddiesa mmexxija minn Fr. Noel Debono fejn issir il-priedka tat-Tridu mill-Kan. Dun Noel Saliba filwaqt li l-kant ser ikun animat mill-kor u l-orkestra taħt id-direzzjoni tal-Mro. Frankie Debono. Wara antifona u barka sagramentali.

### 29 ta' Lulju l-Ħamis - It-Tieni jum tat-Tridu
### Jum ta' talb għall-voluntiera ħajjin u mejtin

**6.30pm** Kant tal-Għasar ta' San Ġużepp, immexxi mill-Arċipriet.

**7.00pm** Quddiesa mmexxija minn Dun Charles Buttiġieġ fejn issir il-priedka tat-Tridu mill-Kan. Dun Noel Saliba filwaqt li l-kant ser ikun animat mill-kor u l-orkestra taħt id-direzzjoni tal-Mro. Frankie Debono. Wara antifona u barka sagramentali.

### 30 ta' Lulju l-Ġimgħa - It-Tielet Jum tat-Tridu
### Jum il-benefatturi ħajjin u mejtin

**6.30pm** Kant tal-Għasar ta' San Ġużepp, immexxi mill-Arċipriet.

**7.00pm** Quddiesa mmexxija mill-Arċipriet fejn issir il-priedka tat-Tridu mill-Kan. Dun Noel Saliba filwaqt li l-kant ser ikun animat mill-kor u l-orkestra taħt id-direzzjoni tal-Mro. Frankie Debono. Wara antifona u barka sagramentali.

### 31 ta' Lulju s-Sibt – Lejliet il-festa
### Jum ta' talb għal dawk kolha li jġibu l-isem ta' San Ġużepp

**7.30am** Quddiesa minn Dun Charles Buttiġieġ tal-għeluq tan-novena.

**6.30pm** Translazzjoni mmexxija minn Dun Roberto Gauci u wara konċelebrazzjoni solenni fejn jagħmel il-priedka tal-okkażjoni. Il-kant ser ikun animat mill-kor u l-orkestra taħt id-direzzjoni tal-Mro. Frankie Debono.

### 1 ta' Awwissu l-Ħadd - Jum il-Festa
### Jum il-Komunita' Parrokkjali

**Quddies** 6.00am, 7.30am, 11.00am u 5.30pm.

**9.00am** Quddiesa pontifikali mmexxija E.T. Mons Mario Anton Teuma isqof t'Għawdex fejn jagħmel priedka tal-okkażjoni. Tanima l-kant l-orkestra mmexxija mis-surmast Mro. Frankie Debono.

**11.00am** Quddiesa mmexxija minn Fr. Noel Debono u animata miż-żgħażagħ tal-parroċċa

**5.30pm** Quddiesa mmexxija minn Fr. Charles Buttiġieġ
**6.15pm** Kant tal-Għasar
**7.30pm** Ċelebrazzjoni Ġużeppina bis-sehem tal-fratelli, u l-kleru tal-parroċċa. Fit-tmiem iċ-ċelebrazzjoni jkun hemm il-barka sagramentali u wara logħob tan-nar tal-ajru.

## 5 ta' Awwissu l-Ħamis - Jum ta' tifkira ta' ħutna l-mejtin

**7.00pm** Quddiesa mill-arċipriet tal-parroċċa flimkien mal-kleru għall-benefatturi mejtin li kellhom sehem fl-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari. Din il-quddiesa fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni. Jitqiegħed bukkett ta' fjuri u xema' ħdejn il-monument tal-Irxoxt fiċ-Ċimiterju b'turija ta' rispett u rikonoxxenza ta' dak kollu li ħallewna missirijietna.

## 6 ta' Awwissu l-Ġimgħa - Jum il-missjoni

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp.
**7.00pm** Quddiesa bl-omelija mill-arċipriet tal-parroċċa ta' Sannat Dun Michael Curmi flimkien mal-arċipriet tal-parroċċa tal-parroċċa ta' San Ġorġ Mons. Joseph Curmi u l-kleru tal-parroċċa fejn iwassal il-messaġġ tiegħu fl-okkażjoni tas-sapport tal-parroċċa tagħna għat-tkomplija tal-knisja fil-parroċċa ta' ħuhom Fr. Mario Curmi missjunarju fil-Gwatemala. Fi tmiem il-quddiesa jingħataw l-flus miġbura għal dan il-proġett. Din hi t-tifkira dejjiema tal-komunita' parrokkjali tal-Qala fl-okkażjoni tal-inkurunazzjoni.

## 7 ta' Awwissu s-Sibt - Lejliet it-tifkira

**7.00pm** Quddiesa ta' fejqan immexxija minn Fr. Hayden Williams OFM Cap, bil-preżenza tal-bastun ta' San Ġużepp miġjub mis-santwarju tiegħu r-Rabat, Malta. Wara jibda lejl ta' adorazzjoni li jibqa' sejjer sa sbiħ il-jum kif sar ħamsin sena ilu. Fit-3.00am ikun hemm quddiesa.

## 8 ta' Awwissu l-Ħadd - Jum l-50 sena mill-Inkurunazzjoni tal-kwadru titulari.

**10.30am** Konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Eminenza tiegħu l-kardinal Mario Grech f'għeluq il-50 sena mill-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari flimkien mal-kleru tal-parroċċa fejn jagħmel omelija tal-okkażjoni. Waqt din iċ-ċelebrazzjoni jiġi amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-isqof lil żewġ adoloxxenti. Tanima l-kant l-orkestra mmexxija mis-surmast Mro. Frankie Debono.
**8.00pm** Lejla Mużiko letterarja bħala tifkira tal-inkurunazzjoni bl-orkestra u l-kor taħt id-direzzjoni tal-Mro. Frankie Debono.

**Iċ-ċelebrazzjonijiet kollha ser ikunu mxandra**
**fuq Radju Leħen il-Qala, Facebook, kif ukoll live streaming**
***Il-jiem tat-tridu, il-quddiesa pontifikali***
***u l-Konċelebrazzjoni solenni ta' Jum l-Inkurunazzjoni fit-8 ta' Awwissu***
***ser jiġu mxandra fuq Xejk TV***